Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Mejju 2018**
**(OR. en)**

**8503/1/18**
**REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0276 (COD)**

**CODEC 669**
**ENV 268**
**IND 117**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fit-3 ta' Diċembru 2015 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta[1] msemmija hawn fuq, li hi bbażata fuq l-Artikolu 114(1) TFUE u parti mill-Pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Lulju 2016[2]. Il-Kumitat tar-Reġjuni ħareġ l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Jannar 2017[3].

[1] 14976/15.
[2] ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98.
[3] ĠU C 17, 18.1.2017, p. 46.

3. Fis-17 ta' April 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova, bl-astensjoni tal-Ungerija, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 12/18, bħala punt "A" f' laqgħa li jmiss;
- jordna li fil-minuti ta' dik il-laqgħa jiddaħħlu d-dikjarazzjonijiet li jidhru fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[4] 8051/18.